MALTA

# QORTI TAL-MAĠISTRATI (MALTA)
# BĦALA QORTI TA' ĠUDIKATURA KRIMINALI

## MAĠISTRAT DR.
## ANTONIO MIZZI

Seduta ta' l-10 ta' Diċembru, 2003

Numru 547/2003

Il-Pulizija
(Sp Bernard Zarb)
vs
Anton Agius, iben Anthony, imwieled Pieta' fl-24 ta' april, 1980

Il-Qorti,
Rat l-akkużi kontra l-imputat talli fit-22 ta' marzu, 2003 u matul il-ġranet ta' qabel u dawk ta' wara, f'Ħaż-Żebbuġ u fi bnadi oħra, b'diversi azzjonijiet magħmulin minnu fi żminijiet differenti u li jiksru l-istess dispozizzjoni tal-liġi u li ġew magħmula
B'rizoluzzjoni waħda –
1. bena, biddel, għamel,ipposjeda, biegħ jew xtara xi apparat li bih kien jista' jikkonetti kontra l-liġi ma sistema ta' telekomunikazzjoni;

2. talli sar reċidiv skond l-artikoli 49 u 50 tal-Kodiċi Kriminali b'sentenżi mogħtija mill-Qorti tal-Maġistrati fid-dati tat-12 ta' mejju, 2000 u tal-5 ta' diċembru, 2002;
3. talli kkkometta reat li għalih hemm piena ta' priġunerija fil-perjodu operattiv ta' kondizzjoni mogħtija mill-Qorti tal-Maġistrati tal-5 ta' diċembru, 2002.

Rat in-nota tal-Avukat Ġenerali fejn ta l-kunsens tiegħu biex dan il-każ jiġi trattat bi proċedura sommarja.

Rat il-verbal tas-seduta tal-10 ta' diċembru, 2003 fejn il-Qorti ġiet infurmata li
s-soċjeta' Maltacom hi dovuta s-somma ta' Lm419.00.

Rat il-verbal tas-seduta tal-10 ta' diċembru, 2003 fejn l-imputat ammetta l-akkużi miġjuba kontra tiegħu.

Għaldaqstant, issib lill-imputat ħati tal-akkużi miġjuba kontra tiegħu. Rat l-artikoli 49, 50 u 298A tal-Kodiċi Kriminali u l-artikolu 23(1)(a) tal-Kapitolu 446 tal-Liġijiet ta' Malta u tikkundannah għal ħlas ta' multa ta' mitejn u ħamsin liri maltin (lm250) u li jħallas is-somma ta' erba' mija u dsatax il-lira maltin (Lm419) lis-soċjeta' Maltacom.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------